**5 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmel Cascun

**"Talkies" — Responsabbiltà tat-Titolari tal-Liċenza — Prova — G.N. 430/1937 u 349/1953.**

*Ir-responsabbiltà kriminali tat-titolari tal-liċenza ta' ċinematografu għandha liġi ġudikata in bażi għal dak il-fatt; u ftit jimporta li l-liċenza qegħdha f'ismu bħala segretarju tal-każin fejn hu kollokat it-"talkies". Bħala tali, huwa responsabbli għall-osservanza tar-regolamenti relattivi, fosthom dak li jirregola l-ammissjoni tat-tfal, billi dawn ma jitħallewx jidħlu għax"show" ta' pellikoli li huma klassifikati bħala mhux tajbin għall-età tagħhom.*

*Din hi responsabbiltà personali u diretta tal-liċenzjarju; però mhix assoluta, b'mod illi hu jista' jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li hu kellu raġun jaħseb, avut rigward għaċ-ċirkustanzi tal-każ, li l-persuni li daħlu jaraw il-"film" kellhom l-età rikjesta. Liema prova tmiss lilu; u jekk ma jagħmelx din il-prova, hu jibqa' kolpit mill-preżunzjoni ta' ħtija li fuqu titfa l-liġi.*

*Għall-finijiet ta' dil-prova ma jiswiex il-fatt li hu jkun qabbad persuna oħra u ħalla f'idejha l-inkombenza tal-osservanza tal-liġi dwar id-dħul fiċ-ċinematorgrafu; imma hu loġiku li hu għandu jkun ammess jipprova li l-persuna li*

*qabbad bħala "agent or servant" kellha raġunijiet biex taħseb li l-persuni li daħlu għax-"show" kellhom l-età rikjesta. Jekk hu jilħaq din il-prova, hu jkun xjolt minn din ir-responsabbiltà.*

*Mhux ta' valur il-fatt li fil-lokal hu affiss avviż dwar l-età; għaliex dak l-avviż mhux xi ħaġa li għandha l-meritu tal-ispontaneità, imma huwa eżekuzzjoni ta' dak li tippreskrivi l-istess liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli f'Ħaż-Żebbuġ, fit-8 ta' Novembru 1959, bħala l-persuna li għandha l-permess tal-"Mayfair Théatre", daħħal persuni ta' bejn l-età ta' ħames snin u 21 sena fl-imsemmi tijatru għar-rappreżentazzjoni tal-film "The Brothers Karamazov", meta l-imsemmi film kien klassifikat bħala tajjeb għall-kbar biss;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Diċembru 1959, li biha sabet l-imputat ħati, u kkundannatu għall-ħlas ta' £5 ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-kawża tirrigwarda ċertu aspett tar-responsabbiltà legali tat-titolari tal-liċenza taċ-ċinema relattivament għall-ammissjoni ta' persuni ta' bejn l-età ta' ħames snin u 21 sena għar-rappreżentazzjoni ta' films mgħoddija miċ-ċensuri bħala tajbin għan-nies kbar biss;

L-appellant hu, "ex admissis", il-konċessjonarju tal-liċenza. Ir-responsabbiltà kriminali tiegħu għandha tiġi ġudikata in bażi għal dak il-fatt, u ftit jimporta li qegħdha f'ismu bħala segretarju ta' każin;

Issa, fost ir-Regolamenti dwar iċ-Ċinematografi, stat-witi bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 430 tal-1937, hemm dak nru. 51, li jgħid hekk:— "The licencee shall be responsible for the correct exhibition of the film to which the certificate refers, as well as for the strict observance of these Regulations";

Is-"certificate" hu dak dwar il-klassifika tal-films taħt "U", jew "A", jew "A.O."; u fost ir-regolamenti hemm anki dawk, senjatament ir-reg. 46, li jirrigwardaw l-ammissjoni tat-tfal;

Hu ċar li bir-reg. 51 fuq imsemmi ġiet stabbilita għak-karigu tat-titolari tal-liċenza ta' ċinematografu responsabbiltà personali u diretta, kif inhi, per analoġija, dik tat-titolari ta' liċenza ta' ħanut tax-xorb (ara App. Krim. "Pul. vs. Axisa", 6 Ott. 1914; "Pul. vs. Sellick", 16 Sett. 1915; u oħrajn);

Il-kwistjoni tar-responsabbiltà ġiet ulterjorment viż-walizzata, mill-liġi bl-emenda tal-1953 (Not. tal-Gvern nru. 349), li qalet hekk:— " . . . the licencee and, as the case may be, his agent or servant, shall not be guilty of the offence of admitting to the exhibition or programme a child or adolescent below the requisite age, if he proves to the satisfaction of the Court that, having regard to all the circumstances, he had reason to believe that the child or adolescent was of the requisite age";

Mela jiġi li b'dan ir-regolament emendanti, ir-responsabbiltà tat-titolari baqgħet dik personali u diretta; biss, minflok baqgħet assoluta bħal qabel, ġie mogħti lill-"licencee" l-aġju li jipprova dak li jingħad fir-regolament emendanti;

Il-piż tal-prova hu mixħut fuqu; fin-nuqqas ta' dik il-prova hemm il-preżunzjoni ta'-ħtija tiegħu, indotta mir-regolament 51 tal-liġi prinċipali, fuq imsemmi;

Hu ovvju li l-appellant ma jistax jiswielu l-fatt, "sic et simpliciter", li ħalla din l-inkombenza tad-dħul ta' persuni fiċ-ċinematografu "de quo" f'idejn Antonio Cachia, għaliex

b'daqshekk hu ma kienx qed ipoġġi ruħu fil-pożizzjoni li jagħmel il-prova li hu stess kellu raġunijiet jaħseb li fiċ-ċirkustanzi tal-każ il-persuna ammessa kellha l-età meħtieġa, u ma hux leċitu għat-titolari li jisvesti ruħu mir-responsabbiltà li biha tinvestieh il-liġi (ara, b'analoġija, App Krim. "Pul. vs. Buhagiar", 6 ta' April 1918);

Però, billi mit-tenur tal-emenda jidher li hu ammess li t-titolari jista' jinqeda b' "agent or servant", "sequitur" loġikament li għandu jkun ammess li t-titolari jagħmel għap-proprju diskariku l-prova li dik il-persuna, li hu jkun inkarika bħala "agent or servant", kellha raġunijiet biex taħseb li l-persuna ammessa kellha l-età okkorrenti skond il-liġi; u jekk jilħaq din il-prova, allura hu jibqa' xjolt minn kull responsabbiltà;

Din il-Qorti semgħet ix-xhiediet dwar dan il-pont, u waslet għall-konklużjoni li bl-ebda mod ma ntlaħqet din il-prova. It-tfal li ġew ammessi — almenu dawk prodotti — kellhom l-età ta' sittax, u x'uħud minnhom ħmistax il-sena; u ċertament, anki "ragionando in astratto", wieħed għandu jara d-differenza fl-aspett fiżiku bejn ġuvnott jew xbejba ta' 15 jew 16 il-sena u ġuvni jew xebba ta' 21 sena. "In concreto", il-Qorti kellha okkażjoni tara f'dan il-każ lil dawn il-ġuvnotti u xbejbiet, u setgħet "de visu" tikkonstata li kienu jidhru "ictu oculi", almenu għal min irid jara s-sewwa, li kienu ferm taħt l-età preskritta. Jistgħu jagħtu każijiet eċċezzjonali li fihom ġuvnott jew xbejba jkun jew tkun, għalkemm ta' età mhux ta' 21 sena, qrib dik l-età, u mill-korporatura u minn wiċċa din il-persuna tkun tidher akbar mill-età tagħha, u tista' liberament tgħaddi li hi tal-età preskritta. F'ċirkustanzi simili, it-titolari jew il-persuna nkarigata minnu, li ċertament ma jistgħux jitolbu prova dokumentali, jistgħu jiġu ngannati, u tkun tapplika allura favur tagħhom l-emenda tal-1953; għaliex allura jkollhom raġun jaħsbu, fiċ-ċirkustanzi, li l-persuna kellha l-età stabbilita;

Imma dan ma hux il-każ fil-kawża preżenti. Id-differenza ta' età kienet kbira — ħamsa jew sitt snin; l-aspett tat-tfal ammessi mhux talli ma kienx tali li jinganna, imma kien tali li jirrendi minnufih irriżorja r-risposta ris-

pettiva li taw, fuq mistoqsija ta' Cachia, li kellhom l-età meħtieġa. Mill-provi jidher donnu li Cachia il-luda ruħu li hu kien qed jaqdi d-dover tiegħu bizzejjed jekk sempliċement jistaqsi lit-tfal jekk kellhomx l-età ta' 21 sena, u mbgħad, jekk jirrispondu affermattivament, allura jkun soddisfatt u jinjora dak li jissuġġerixxi l-bonsens mill-apparenza tal-bniedem li jkun. Għalhekk, ġaladarba l-prova ma hijiex raġġunta vis-a-vis Cachia, lanqas għandha titqies raġġunta vis-a-vis min inkarikaħ, ċjoè l-appellant. Kif ingħad, is-sempliċi fatt li l-appellant inkariga lil Cachia, u tal-volta tah istruzzjonijiet biex ma jħallix jidħlu persuni taħt l-età preskritta, ma hux bizzejjed; għax il-liġi trid, bħala skriminanti, aktar minn daqshekk, ċjoè trid dik il-prova;

Lanqas hu ta' valur il-fatt, rilevat fir-rikors tal-appell, li fil-lokal kien hemm affiss l-avviż dwar l-età; anki, tra altro, għaliex l-affissjoni ta' dak l-avviż mhijiex ħaġa li għandha l-meritu tal-ispontaneità, imma hi l-eżekuzzjoni ta' dak li jippreskrivu r-regolamenti 45 u 46 tal-liġi prinċipali;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti ddeċidiet billi rrespinġiet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata.